MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 192/2006

**A**

**-vs-**

**B pro et noe**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-12 ta’ Ġunju, 2006 li permezz tiegħu l-attriċi esponiet bir-rispett:

1. Illi b’kuntratt in atti tan-Nutar Malcolm Mangion ippubblikat fl-4 ta’ Jannar tas-sena 2006 (Dok. A) l-intimat B in rappreżentanza tas-soċjeta’ intimata C Limited biegħ u ttrasferixxa lill-intimati D u E konjuġi F il-*penthouse* internament enumerat bl-ittra ‘A’ u bin-numru _____ formanti parti mill-blokk mingħajr numru, bl-isem _______________________________, kif aħjar deskritt fl-

istess att, flimkien ma’ l-arja tagħha liberu u frank u bil-pussess vakanti, u dan bil-prezz indikat fl-istess att;

2. Illi din il-proprjeta’ hija d-dar matrimonjali tal-partijiet konjuġi A u B kif jirriżulta mit-trattazzjoni;

3. Illi iżda r-rikorrenti ma tat ebda kunsens għal dan it-trasferiment tad-dar matrimonjali jew ta’ kwalsiasi jedd fuq l-istess dar skond kif rikjest mil-liġi, kif ukoll jirriżulta waqt it-trattazzjoni. Anzi kollox sar minn wara darha u *ad insaputa* tagħha b’qerq u preġudizzju gravi għad-drittijiet tagħha;

4. Illi bejn il-konjuġi A u B hemm disgwid matrimonjali tant li kienu ġew istitwiti proċeduri ta’ separazzjoni personali permezz ta’ ittra ta’ medjazzjoni, liema proċeduri huma pendenti quddiem il-Qorti kompetenti;

5. Illi *inoltre* l-istess partijiet konjuġi A u B kienu fi trattattivi għal ftehim ta’ separazzjoni personali kemm qabel l-att ta’ vendita` kif ukoll wara, iżda madankollu u minkejja li kienu qed jiġu skambjati korrispondenza u saru diversi laqgħat bejn il-partijiet, u anke saħansitra l-esponent kienet dehret quddiem Qorti tal-Maġistrati ta’ Malta sabiex tiddifferixxi azzjonijiet kriminali istitwiti kontra żewġha u tastjeni milli tixhed, peress li mingħaliha kienu qegħdin viċin ftehim, l-istess intimat baqa’ għaddej bil-pjanijiet tiegħu *in mala fede*;

6. Illi l-esponenti saret taf biss f’dawn l-aħħar ġranet li żewġha biegħ id-dar tagħhom peress li beda jippakkjalha l-oġġetti personali tagħha u avżaha li kellha toħroġ mid-dar. Fil-fatt hi rrekat għall-għajnuna tal-Pulizija minħabba li żewġha kien qed jieħu l-liġi f’idejh. Tant hu hekk li kien biss fis-27 ta’ April, 2006 li kien jidher ċar li żewġha ma kienx ser kompli fi trattattivi għal ftehim bonarju u talbet u ottjeniet il-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni kontra l-istess żewġha sabiex *inter alia* jiġi inibit milli jiddisponi b’kwalsiasi titolu tad-dar matrimonjali tagħhom, *cioe’* tal-*penthouse* fuq deskritt, liema Mandat iġib in-numru _____ fl-ismijiet A vs B et;

7. Illi s-soċjeta' intimata C Limited (Dok. B) ġiet kostitwita fiż-żwieġ bejn il-kontendenti u kif jirriżulta mill-*Memorandum and Articles of Association*, l-intimat B huwa azzjonista kif ukoll id-Direttur ta' l-istess kumpanija u rappreżentant legali ta' l-istess;

8. Illi kif jirriżulta mill-istess statut, l-azzjonisti l-oħra f'din is-soċjeta' huma G Company Limited bħala azzjonist maġġoritarju, H Limited u I;

9. Illi żewġha hu wkoll azzjonista tas-soċjeta' G Company Limited (Dok. C), kif ukoll direttur u rappreżentant legali tagħha;

10. Illi għalhekk, apparti li hu azzjonista fis-soċjetajiet imsemmija, l-istess B jokkupa karigi ta' kontroll u għandu poteri kważi assoluti bħala direttur u rappreżentant legali ta' l-istess;

11. Illi jirriżulta mill-att ta' bejgħ (Dok. A) fil-klawsola 11 ta' l-istess, li l-istess xerrejja nspjegabbilment taw lill-venditur żmien tliet xhur biex jivvaka l-*penthouse* u dan minkejja li, kif jirriżulta mill-ewwel klawsola, huma ħallsu l-ammont dikjarat tal-prezz ta' mitt elf Lira Maltija (Lm100,000) fl-*intier* tiegħu fuq l-att;

12. Illi jirriżulta wkoll li dan il-prezz dikjarat hu ferm inferjuri għall-valur reali fuq is-suq tal-*penthouse* u ta' l-arja li kienu l-oġġetti in vendita` u dan ukoll b'qerq u dannu għall-jeddijiet tar-rikorrenti fil-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti li jikkomprendu l-azzjoni fis-soċjetajiet imsemmija;

13. Illi l-uffiċċju tan-Nutar Carmel Mangion li ppubblika l-att kienu *ben al* kurrent tad-disgwid matrimonjali bejn il-partijiet;

14. Illi s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ġġib magħha x-xoljiment, likwidazzjoni u diviżjoni ta' l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti, kif ukoll tagħti lil kull miżżewweġ il-jedd li jitlob li jkompli jabita fid-dar

matrimonjali. Iżda l-intimat B unilateralment aġixxa biex iċaħħadha minn dan il-jedd;

15. Illi kif jirriżulta mis-suespost, l-esponenti ġiet imċaħħda mid-drittijiet kollha tagħha lilha spettanti skond il-liġi u hemm periklu imminenti li ser issib ruħha mkeċċija mid-dar matrimonjali tagħha llegalment u abbużivament;

16. Illi għalhekk l-esponenti qed tipprevali ruħha mill-fakolta' lilha mogħtija bil-liġi u titlob l-annullament tal-kuntratt ta' bejgħ tad-dar matrimonjali tagħha u ta' l-intimat B *ossia penthouse*, liema att ta' trasferiment ġie kkuntrattat bejn l-intimati B għan-nom tas-soċjeta' C Limited min-naħa waħda, u l-intimati D u E konjuġi F min-naħa l-oħra, u ppubblikat min-Nutar Malcolm Mangion ta' l-4 ta' Jannar tas-sena 2006 a tenur ta' l-Artiklu 3A tal-Kapitlu 16 tal-liġijiet ta' Malta.

17. Għaldaqstant u għar-raġunijiet premessi r-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-kuntratt ta' bejgħ ippubblikat min-Nutar Dottor Malcolm Mangion fl-4 ta' Jannar tas-sena 2006 sar bi ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti a tenur ta' l-Artiklu tlieta ittra A (3A) tal-Kodiċi Ċivili tal-liġijiet ta' Malta (Kapitlu 16 tal-liġijiet ta' Malta);

2. Tiddikjara u tiddeċiedi per konsegwenza li l-imsemmi att huwa null u mingħajr ebda effett;

3. Konsegwentement tordna r-rexxissjoni jew annullament ta' l-istess att, liema rexxissjoni jew annullament għandha topera in forza tas-sentenza li din il-Qorti jogħġobha tagħti;

4. Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru _____ fl-ismijiet A vs B et – kontra l-intimati nġunti minn issa stess in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenuti naqsu li jippreżentaw risposta ġuramentata.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Ottubru, 2007 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza u r-rikors tal-konvenuti F li talbu s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, liema talba ġiet milqugħa mill-Qorti.

Rat ir-rikors tal-konvenut tat-8 ta' Novembru, 2007 li permezz tiegħu l-istess konvenuti konjuġi F talbu li jingħataw l-fakolta' li jippreżentaw risposta ġuramentata.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza fuq din it-talba.

Semgħet il-provi fir-rigward.

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenuti F biex jiġġustifikaw il-kontumaċja tagħhom xehdu li meta rċevew l-atti tal-kawża kkomunikaw mal-konvenut l-ieħor B u dan qalilhom biex iħallu f'idejh u għalhekk hekk għamlu. B qal li huwa ried jirranġa l-vertenza ma' martu billi jipprovdilha fejn toqgħod, u kien meta dan ma rnexxilux jagħmlu li allura anke ammetta t-talba attriċi fl-atti ta' din il-kawża.

Il-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar snin irrilassaw mhux ftit fid-diskrezzjoni tagħhom biex jakkordaw lill-konvenut kontumaċi l-fakolta' li jippreżentaw id-difiża tagħhom. Per eżempju fil-kawża <u>Joseph Naudi Montalto vs Emanuel Xuereb</u> deċiża fis-27 ta' Frar, 1995 din il-Qorti elenkat numru ta' regoli dwar sitwazzjonijiet simili.

Dawn huma:

1. Il-kontumaċja ma tistax tiġi ġustifikata jekk kienet volontarja.

2. Anqas tista’ tiġi skużata jekk almenu kolpuża (ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet Cilia vs Farrugia (Appell Inferjuri – 29 ta’ Novembru, 1958).

3. Biex ikun hemm lok għal ġustifikazzjoni hemm bżonn li tiġi ppruvata kawża ġusta.

4. Din il-kawża ġusta għandha tkun tikkonsisti f’impediment leġittimu.

5. L-impediment biex ikun leġittimu għandu jkun indipendenti mill-volonta’ tal-kontumaċi.

6. L-iżball mhux impediment leġittimu jekk ma jkunx invinċibbli.

7. Dan l-impediment leġittimu jista’ jkun *una necessita’ impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili.*

8. L-impossibbilta’ li wieħed jidher għas-subizzjoni jew almenu d-diffikolta’ gravi biex tista’ tikkostitwixxi impediment leġittimu għandu jkun fiżiku u eċċezzjonalment biss tista’ tkun morali.

F’dan il-każ il-Qorti speċjalment wara li semgħet il-provi tħoss li l-konvenuti F ġew kompletament imqarrqa minn dak li qalilhom il-konvenut (mhux tant apposta iżda għax kien mingħalih ser jirranġa l-problema). Għalhekk ma tħossx li jkun ġust li issa li skoprew il-gravita’ tal-każ jiġu privati mill-possibbilta’ li jikkontestaw il-kawża bil-mod normali. Wara kollox huma kienu nnegozjaw biss mal-konvenut B u għalhekk fiċ-ċirkostanzi wieħed jifhem għaliex ħallew f’idejh u kienu qed jaħsbu li vera solva l-problema.

**Għaldaqstant l-Qorti tilqa’ t-talba tal-konjuġi F u tawtorizzahom jippreżentaw ir-risposta ġuramentata fi żmien għoxrin jum mil-lum.**

**L-ispejjeż ta’ din l-istanza jitħallsu mill-konvenut B.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------